**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 31 ta` Ottubru 2016**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 3/15 JZM**

**Gordi Felice**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-15 ta` Jannar 2015 li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrenti tressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-28 ta` Novembru 2004 akkuzat, inter alia, b`pussess, assocjazzjoni u traffikar ta` medicina ristretta u psikotropika, bi*

*ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x`jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta` Malta flimkien ma` persuna ohra ;*

*Illi, fil-proceduri odjerni l-Avukat Generali kien ordna, fit-termini tal-Artikolu 120A (2) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta` Malta, li l-kaz tar-rikorrent jinstema` u jigi deciz mill-Qorti Kriminali ;*

*Illi b`rizultat ta` dan u wara li saret id-debita kumpilazzjoni, ir-rikorrenti gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-att tal-akkuza numru 60/2010, akkuzat inter alia b`pussess, assocjazzjoni u traffikar ta` droga bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x`jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-prosekuzzjoni ghazelt fil-proceduri li tressqu quddiem il-Qorti Istruttorja, li tressaq lill-esponenti flimkien ma` persuna ohra, certu William Agius, allegatament komplici, bhala ko-akkuzati ;*

*Illi izda fuq talba tal-prosekuzzjoni, giet ordnata is-separazzjoni tal-gudizzju bejn il-kawza tar-rikorrenti u dik tal-ko-akkuzat William Agius, u sussegwentement ghal tali ordni l-Avukat Generali ghazel li jistenna l-ezitu tal-kaz ta` William Agius, bl-intiza li juza x-xhieda tal-istess William Agius kontra l-esponenti wara li l-kaz ta` Agius ikun ghadda f`gudikat, f`liema eventwalita` tali xhieda ta` Agius, qua komplici li jkun ko-akkuzat, titqies ammissibbli ;*

*Illi dan qieghed isir bi ksur tad-dritt ta` smigh xieraq tal-esponenti in kwantu l-ghazla ta` min mill-ko-akkuzati ghandu jinstema` l-kaz tieghu l-ewwel, hija wahda arbitrarja u ma hija bbazata fuq l-ebda kriterju legittimu jew gustifikat kif il-prosekuzzjoni taghzel liema kaz taz-zewg ko-akkuzati ghandu jinstema` l-ewwel u dana nonostante l-fatt li l-konsegwenza ta` din l-ghazla hija deciziva fl-andament ta` kaz ;*

*Illi fin-nuqqas ta` kriterji fissi fil-ligi, tali decizjoni tittiehed unilateralment mill-intimat jew l-ufficjali prosekutur minghajr ebda gustifikazzjoni, li jwassal ghal trattament differenti, nuqqas ta` certezza legali u aspettattivi legittimi, u tqieghed lill-persuna akkuzata l-ohra, bhalma huwa*

*r-rikorrenti, f`pozizzjoni zvantaggata, liema fatt jilledi l-principju tal-'equality of arms' li fuqu jiddependi smigh xieraq – haga ghal kollox inaccettabbli f`socjeta` fejn il-principji tal-gustizzja naturali ghandhom dejjem jitharsu u jigu applikati ;*

*Illi per di piu`, ir-rikorrenti gie kostrett li jistenna l-ezitu tal-kaz ta` Agius b`rizultat li l-proceduri tieghu, li setghu facilment jigu mitmuma qabel, twalu inutilment sabiex tkun tista` tigi deciza l-kawza kontra l-ko-akkuzat William Agius sabiex dan tal-ahhar ikun jista` jixhed fi proceduri in kwistjoni kontra r-rikorrenti. Dan qieghed iwassal ghal tul ta` zmien zejjed fil-process provokat min-naha tal-prosekuzzjoni li qed tibqa` tiddilunga l-proceduri tieghu biex ittella` lill-ko-akkuzat William Agius, ghal liem dewmien fil-proceduri ma jahtix l-esponenti ;*

*Illi, dan qieghed jinghad fl-isfond tal-artikolu 639 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta li ma jitlobx korroborazzjoni tax-xhieda tal-komplici minn xi xhieda ohra u jissalvagwardja biss id-drittijiet tal-akkuzat bil-kuncett li l-verzjoni tal-komplici ghandha tittiehed b`kawtela ;*

*Illi dana sehh u qieghed isehh bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta` smigh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta partikolarment in kwantu l-esponenti qieghed ibati mill-effetti tal-ordni ta` iffrizar fuq il-flejjes, kontijiet u proprjeta` tal-esponenti u l-kondizzjoni tal-liberta` provvizorja mahruga mill-Qorti Istruttorja ;*

*Illi, barra minn hekk, jirrizulta li fil-kaz prezenti, ir-rikorrenti kien irrilaxxja stqarrija li saret minghajr ma l-esponenti kellu l-jedd li jikkonsulta ma` avukat qabel ma ghamel l-istqarrija jew f`xi waqt li kien mizmum fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, meta l-esponenti kien ghad ghandu 23 sena u kien qed jiffaccja l-ewwel arrest tieghu. Dana wkoll huwa bi ksur ukoll tal-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea ;*

*Illi d-dritt ghall-access ghall-avukat qabel ma ssir l-interrogazzjoni mill-Pulizija huwa ta` importanza fundamentali, u fil-fatt dan id-dritt ghandu rwol krucjali fil-garanzija tad-drittijiet l-ohra kollha illi jgawdi minnhom kull akkuzat taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Hafna minn dawn id-drittijiet ftit li xejn ikollhom importanza ghall-persuna ordinarja li tkun*

*tinsab akkuzata jew suspettat li kkommettiet xi reat minghajr l-ghajnuna ta` avukat biex jipprotegi d-drittijiet taghha ;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-istruzzjonijiet u tipprovdi ghal dawk il-mizuri li jidhrilha xierqa sabiex jigu protetti u enforzati d-drittijiet fundamentali taghhom fuq riferiti inkluz is-segwenti :-*

*(i) Tiddikjara illi bil-fatti fuq esposti gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*(ii) Taghti r-rimedju effettiv u opportun fic-cirkostanzi nkluz izda mhux biss id-dikjarazzjoni tal-estinzjoni tal-proceduri suriferiti u kumpens pekunjarju.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li kienet prezentata fil-<u>11 ta` Frar 2015</u> li taqra hekk :–

*1. Illi fil-kawza odjerna r-rikorrent qieghed jallega li minhabba li giet ordnata s-separazzjoni tal-gudizzju bejn il-proceduri tieghu u dawk ta` ko-akkuzat iehor William Agius, kif ukoll minhabba li hu kien irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija meta ma kellux assistenza legali, gew vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Talab ukoll li jinghata rimedju.*

*2. Illi l-esponent jirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

***<u>Dwar l-ilmenti tar-rikorrent li jolqtu s-separazzjoni tal-gudizzju</u>***

*3. Illi f`dan il-kuntest l-esponent jeccepixxi s-segwenti :*

*i. Illi hija l-ligi nnifisha, senjatament l-Artikolu 594 tal-Kap 9, li taghti s-setgha li ssir il-firda tal-kawzi fejn zewg akkuzati jew aktar ikunu ngabu flimkien f`Att ta` Akkuza wiehed. Din is-setgha l-Qorti Kriminali twettaqha fuq talba tal-Avukat Generali kif fil-fatt gara fil-kaz odjern. Il-fatt wahdu li l-ligi ma tistabbilix kriterji fissi u rigidi ghal dan il-ghan ma jirrendix l-uzu tad-diskrezzjoni u l-ghazla ta` liema kaz jinstema` l-ewwel awtomatikament arbitrarja jew mhux gustifikata jew li twassal ghal trattament differenti jew nuqqas ta` certezza legali fost affarijiet ohra kif qed jinsinwa r-rikorrent u lanqas ma jgib il-konsegwenza awtomatika li hemm ksur tad-dritt fundamentali ghal smigh xieraq.*

*ii. Indipendentement minn liema proceduri jinstemghu l-ewwel, il-fatt li fil-kaz odjern il-guri ta` William Agius ser jinstema` qabel dak tar-rikorrent, b`ebda mod ma jtaffi mill-piz fuq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli kemm fil-kaz ta` Agius kif ukoll fil-kaz tar-rikorrent.*

*iii. Illi l-principju tal-equality of arms – 'entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court`s opinion. … Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. …The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. … In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment" (Van Dijk and others – "Theory and Practice of the European Convention of Human Rights"). Dawn il-garanziji lir-rikorrent b`ebda mod m`huma ser jigu mittiefsa bis-separazzjoni tal-processi.*

*iv. Illi anke jekk minhabba tali separazzjoni jkunu jistghu jinstemghu xhieda fil-kaz tar-rikorrent li, li kieku l-processi ma nfirdux, ma kinux ikunu jistghu jixhdu, u hekk tinkixef xi verita` li ma tkunx favorevoli ghar-rikorrent, b`daqshekk ma jfissirx li l-principju tal-equality of arms u l-garanziji l-ohra tad-dritt ghas-smigh xieraq ma jkunux gew rispettati ghax wara kollox dan id-dritt ma jissarrafx f`xi dritt assolut li r-rikorrent jippretendi illi xhieda ma tinghatax sempliciment ghax hija sfavorevoli ghalih.*

*v. Illi wara kollox id-dmir ewlieni tal-prosekuzzjoni huwa li tmexxi l-process b`mod li l-aktar iwassal biex tinkixef il-verita`, sew jekk favur u sew*

*jekk kontra l-akkuzat. Fost il-mezzi ezistenti ntizi ghal dan il-ghan hemm il-possibilita` li l-kawzi jitmexxew flimkien jew b`mod separati.*

*vi. Illi dan kollu ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq. Interpretazzjoni ta` dan id-dritt kif qed jippretendi r-rikorrenti tissarraf biss fi pretensjoni li l-process quddiem qorti ta` gurisdizzjoni kriminali jitmexxa biss b`mod li jista` jiggarantixxi ezitu favorevoli ghalih. Zgur li pretensjoni bhal din ma tista` qatt titqies accettabbli fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*vii. Illi inoltre, fic-cirkostanzi, il-fatt li l-kawza tar-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali ser tistenna l-ezitu tal-proceduri kontra William Agius ma jammontax ghal dewmien irragjonevoli kif qed jallega r-rikorrent.*

*viii. Illi ghal kull buon fini l-esponent jaghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet Anthony Bugeja vs Avukat Generali et (Rik Nru 19/2009 deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta` Frar 2014) fejn is-separazzjoni tal-gudizzju gie skrutinjat mil-lenti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni b`dan li ma nstab ebda ksur ta` dritt fundamentali.*

***Dwar l-ilmenti tar-rikorrent li jolqtu r-rilaxx tal-istqarrija lill-Pulizija***

*4. Illi f`dan il-kuntest l-esponent jeccepixxi s-segwenti :*

*i. Illi minkejja numru ta` sentenzi moghtija kemm mill-Qorti Kostituzzjonali f`Malta kif ukoll minn dik Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar mertu simili, jirrizulta b`mod car u inekwivoku li ebda qorti, f`ebda hin ma stabbiliet bhala principju universali li n-nuqqas ta` assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament iggib maghha lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u fl-Artikolu 6 ta-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*ii. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost id-dritt ghal smigh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri kollha li*

*nstemghu sa issa fil-konfront tar-rikorrent u mhux fir-rigward ta` mument specifiku kif qed jipprova jaghmel ir-rikorrent odjern.*

*iii. Illi effettivament ir-rikorrent odjern b`ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta lill-Pulizija. Wara li gie arrestat u ttiehed id-Depot, inghata t-twissija skont il-ligi u cioe` li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li ser jghid seta` jingieb bhala prova kontra tieghu.*

*iv. Illi fl-istess stqarrija l-istess rikorrent irrikonoxxa li kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha. It-twegibiet tieghu kienu cari u jikkorrispondu mal-kuntest ta` kull mistoqsija li saritlu.*

*v. Illi inoltre l-allegata vulnerabilita` tar-rikorrent qeghda wkoll tigi fermament opposta mill-esponenti. Il-fatt li fil-mument tal-arrest huwa kellu tlieta u ghoxrin sena ghandu jitqies li kellu maturita` bizzejjed li jkun ben konsapevoli tar-riskji u l-konsegwenzi li seta` jiffacja minhabba din l-attivita` llecita.*

***<u>Dwar ir-rimedju mitlub mir-rikorrent</u>***

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ssib lezjoni ta` drittijiet fundamentali tar-rikorrent l-esponent jopponi t-talba tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta` estinzjoni tal-proceduri kriminali kontrih bhala rimedju stante li fi kwalunkwe kaz id-dritt fundamentali koncess mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq ; ma hu koncess ebda dritt li kull min hu akkuzat b`reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi sabiex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi rregolarita`, tkun xi tkun, minn fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta` ghemilu.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrent u ma ssib ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tas-17 ta` Marzu 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ghandu 32 sena. Ighid illi sa minn meta kellu 22 sena, ilu marbut u mahkum psikologikament, emozzjonalment u finanzjarjament fi proceduri kriminali li tressqu kontra tieghu u li ilhom ghaddejjin aktar minn ghaxar snin.

Stqarr illi kien arrestat ma` certu William Agius. Wara li ghamel stqarrija, tressaq b`arrest fil-28 ta` Novembru 2004, flimkien ma` l-istess William Agius. Kienu akkuzati bil-pussess, bl-assocjazzjoni u bit-traffikar ta` medicina ristretta u psikotropika. Huwa ma kienx inghata l-liberta provvizorja, u l-assi tieghu kollha kienu gew issekwestrati b`ordni tal-Qorti. Fl-14 ta` Dicembru 2004, inghata il-helsien mill-arrest ristrett fis-sens illi kellu jibqa` d-dar, hlief biex imur ghax-xoghol il-fabbrika tan-Nylon Knitting li kienet faccata d-dar fejn joqghod Hal-Qormi. Hallas depozitu ta` Lm 1,000 u kellu jaghti garanzija peronsali ta` Lm 4,000.

Kompla jixhed illi fit-18 ta` Lulju 2005, kien hemm bdil fil-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fis-sens illi r-rinkasar tieghu kien estiz

sal-10.30 p.m., hlief meta jkun xoghol bil-lejl. Fid-29 ta` Mejju 2006, tnehhiet il-kondizzjoni li jidhol d-dar sal-10.30 p.m. u minflok dahlet il-kondizzjoni li kellu jiffirma l-Ghassa tal-Pulizija ta` Hal-Qormi kull nhar ta` gimgha. Kien ghadu sal-lum b`dawk il-kondizzjonijiet, ghalkemm hareg l-att ta` akkuza numru 60/2010. Sal-lum il-kaz tieghu ghadu pendenti.

Fisser illi wara li ghal numru ta` snin li l-kaz tieghu kien qed jinstema` ma` dak ta` William Agius, il-prosekuzzjoni ddecidiet illi tissepara l-kawzi taghhom, sabiex Agius ikun jista` jingieb bhala xhud mill-prosekuzzjoni fil-kawza kontra tieghu. Gara ghalhekk li l-prosekuzzjoni hadet decizjoni li l-kaz tieghu jinstema` biss wara li jkun konkluz dak kontra Agius.

Xehed illi qabel kien arrestat, huwa qatt ma kellu x`jaqsam mal-pulizija. Meta beda jigi interrogat, kien go kamra zghira b`sitt pulizija mdawrin mieghu, jistaqsuh id-domandi u jaghjtu mieghu. Ried jiksbu nformazzjoni minghandu, bdew jintimidawh, u jbezzghuh bil-habs. Ghalkemm staqsa ghall-ghajnuna ta` avukat, hadd mill-pulizija ma ta kaz tieghu. Ghamel 48 siegha arrestat go kamra mahmuga. Matul dawk it-48 siegha nizzluh u tellghuh mic-cella numru ta` drabi. Meta tressaq l-qorti, ma nghatax l-opportunita li jkellem avukat jew lill-familjari tieghu.

Ighid illi konsegwenza ta` dan kollu, huwa tilef hafna opportunitajiet fil-hajja tieghu ghax ma setax jaghmel l-passi li kien hemm bzonn biex itejjeb il-karriera tieghu. Meta kien jahdem in-Nylon Knitting kien wiehed mill-haddiema ta` esperjenza ghaliex beda jahdem hemm meta kellu 16-il sena, u dam jahdem hemm tmien snin. Ghalkemm kien ic-cans li jilhaq supervisor, huwa qatt ma seta` jintghazel ghaliex il-kaz tieghu kien baqa` pendenti. Ghalhekk ma kienx vijabbli li l-fabbrika tinvesti fih fit-tahrig. Ghalhekk tilef hafna flus u baqa` dejjem *machine operator*. Meta mbaghad mar ghal xoghol gdid mal-Melita, fejn dam madwar tlett snin, grat l-istess haga. Illum qed jahdem ma` Remax Real Estate.

Qal illi sal-lum ghadu milqut b`ordni ta` ffrizar. Ma jistax jixtri proprjeta f`ismu ghaliex jista` jiehu facilita` bankarja. Ghalhekk ghadu jghix ma` ommu. Lanqas m`ghandu karrozza registrata fuq ismu.

**Michael Bonello** xehed illi huwa l-propjetarju tal-franchise Remax Alliance. Sar jaf lir-rikorrent fl-2011 meta beda jahdem ghal Remax Letting fl-ufficcju ta` Tigne, fejn kien ghadu jahdem. Iqis lir-rikorrent bhala mpjegat

leali li jahdem hafna. Illum saru hbieb. Ghalkemm fil-bidu kien xettiku dwar jekk kellux jimpjegah inkella le minhabba l-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu, huwa ddecieda li jaghtih l-impieg u fil-fehma tieghu d-decizjoni kienet tajba. Stqarr illi r-rikorrent huwa rispettat mill-kollegi tieghu, u maghruf fis-suq tal-proprjeta, ghaliex huwa wiehed mill-ahjar agenti li ghandu u huwa popolari mal-klijenti. Matul dawn is-snin ir-rikorrent rega` bena hajtu, ghandu xoghol stabbli u numru ta` hbieb. Il-futur tieghu pero` jibqa` incert minhabba l-proceduri pendenti fil-qorti.

**<u>Edward Agius</u>** xehed illi huwa l-Manager ta` Remax Regional Letting. Ir-rikorrent jaghmel parti mit-tim tieghu, Beda jahdem maghhom minn Settembru 2011. Jaf lir-rikorrent miz-zmien meta kien jahdem mal-Melita. Ir-rikorrent huwa bniedem determinat. Huwa kien avvicinah biex jibda jahdem maghhom r-Remax u fil-fatt malli r-rikorrent spicca jahdem mal-Melita mar l-ufficcju ta` Remax u talbu jahdem maghhom. Kien hemm li sar jaf ghall-ewwel darba bil-proceduri kriminali li kienu pendenti kontra tieghu ; ir-reazzjoni nizjali tieghu kienet li ma jaghtihx l-impieg. Meta mbaghad ir-rikorrent spjegalu x`kien gralu, ha d-decizjoni li jaghtih cans. Illum huwa kuntent li tah l-impieg. Ir-rikorrent sar wiehed mill-aqwa agenti li ghandhom.

**<u>Joseph P. Theuma</u>** impjegat iehor ta` Remax xehed b`mod posittiv dwar ix-xoghol tar-rikorrent.

**<u>Gordon Valentino</u>** xehed illi huwa branch manager kif ukoll kompropjetarju tal-franchise Remax Alliance Tigne. Kien ilu estate agent ghal dawn l-ahhar 23 sena. Ikkonferma li r-rikorrent huwa wiehed mill-ahjar agenti taghhom kemm bhala xoghol kif ukoll bhala integrita` professjonali.

**<u>Simon Baldacchino</u>** xehed illi bejn l-2008 u l-2011 ir-rikorrent kien wiehed mill-impjegati tieghu meta kien jahdem mal-Melita. Mill-bidu nett li r-rikorrent beda jahdem maghhom, huwa tkellem car dwar l-kawza kriminali li kellu pendenti quddiem il-qrati. Jiddeskrivi lir-rikorrent bhala haddiem esemplari, leali u membru validu tat-tim. Ghalkemm kellu bosta opportunitajiet sabiex javvanza, minhabba s-sitwazzjoni tieghu, kien difficli ghall-employer tieghu li jinvesti fih billi la l-kumpannija u lanqas hu ma kienu jafu meta l-kaz tieghu kien se jispicca u x`kien se jkun l-ezitu.

**L-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Norbert Ciappara** xehed illi huwa kien ilu stazzjonat fl-Iskwadra ta` Kontra d-Droga mill-1991. Fis-26 ta` Novembru 2004, kellhom informazzjoni li kien se jkun hemm deal ta` ecstasy fl-inhawi tal-Iskola ta` San Bastjan, bejn ir-rikorrent u William Agius. Tfaccat il-karrozza tar-rikorrent u kien hemm ukoll Agius. Meta dawn kienu avvicinati mill-pulizija, intremiet borza li rrizulta kellha fiha ammont konsiderevoli ta` pilloli, li rrizultaw li kienu ecstasy. Ipprezenta l-lockup report tar-rikorrent (Dok NC1). Ir-rikorrent kien arrestat fis-26 ta` Novembru 2004, fis-6.30 pm. Fis-6.45 pm kien registrat fil-lockup. Bhala escorting officer kien hemm PC 118 ; u min-naha tad-Drug Squad kien hemm PC 12. L-istqarrija saret fil-ufficcju tieghu. Ma kienx hemm sitta min-nies fil-kamra. Huwa kien akkompanjat minn PS 1086. Huwa biss ghamel id-domandi. Hekk hija l-prassi tieghu. Eskluda bl-aktar mod kategoriku illi r-rikorrent kien intimidat waqt li kien qed jaghti l-istqarrija.

**Fil-kontroezami**, xehed illi huwa ma kienx fuq il-post meta kien arrestat ir-rikorrent. L-entrati fid-Dok NC1 saru mill-custody officer. Kien infurmat illi l-arrest sar Hal-Qormi hdejn il-Knisja ta` San Bastjan, li Agius harab ghalkemm il-pulizija qabduh hdejn il-Knisja ta` San Bastjan vicin l-iskola. Mistoqsi jekk bhala hinijiet kienx realistiku li dan kollu sar f`temp ta` kwarta, huwa wiegeb illi l-hinijiet jistghu jigu kkonfermati mill-arresting officers. Mistoqsi ghaliex ikun inhareg mill-lock up, qal illi kien hemm zewg ragunijet : jew biex ikun prezenti meta l-espert jghodd il-pilloli ; jew bhala search. Mistoqsi jekk jafx meta saret it-tfittxija fil-karrozza tar-rikorrent, spjega li din tkun saret jew fuq il-post jew meta r-rikorrent ittiehed id-Depot. Qal li ma jafx x`kien gie elevat mill-karrozza tar-rikorrent. Ic-cwievet tal-karrozza jittiehdu malli jidhol fil-lock up. Mistoqsi ghaliex fid-Dok NC3 hemm d-data tat-28 ta` Novembru 2004, xehed illi jispjega ahjar PS 1086 ; huwa possibbli li jkun staqsa ghac-cwievet ghaliex il-vettura kienet se tkun impounded ; u tigi ritornata wara li jsir hekk. Meta dahal il-lock up, ir-rikorrent ma kellux cwievet jew mobile. Mistoqsi jekk ghas-searches fid-dar tar-rikorrent, fid-dar ta` Agius u fil-vettura kienx prezenti r-rikorrent, u Agius, huwa wiegeb li ma jidhirlux li kien hemm il-presenza tat-tnejn ; ikun prezenti wiehed skont meta tkun se ssir it-tfittxija..

Ix-xhud kien mistoqsi jekk ir-rikorrent inghatax ic-cans jaghmel kuntatt mal-familja. Huwa wiegeb li dak z-zmien ma setax isir hekk. Jekk isar kuntatt permezz ta` l-pulizija, ghandu jirrizulta mill-custody records. Il-custody officer koncernat jista` jghid ahjar. Mistoqsi mill-Qorti jekk ikunx hemm log fil-kaz illi jsir kuntatt, wiegeb illi jkun hemm. Mistoqsi jekk t-twissija ssirx qabel ttiehdet l-istqarrija, wiegeb illi qabel tittiehed l-istqarrija huwa jkun gab lill-arrestat quddiemu sabiex jiehu d-dettalji tieghu u sabiex

jara b`ghajnejh min gie arrestat u l-kondizzjoni tieghu. Jiehu d-dettalji, u jfisser lill-arrestat ghaliex ikun gie arrestat u jaghti t-twissija aktar minn darba. Huwa ma jkollux log ta` meta jkun kellem lill-arrestat. Muri Dok NC 1 u mistoqsi jekk effettivament kienx hemm trapass ta` tlett kwarti qabel ma ttiehdet l-istqarrija, wiegeb illi r-rikorrent hareg mill-lock up fil-13.50, l-istqarrija ttiehdet fil-14.24 u mar lura l-lock up fil-15.20. Dam ikellem lir-rikorrent ghal dawk it-tliet kwarti. Mistoqsi jekk meta kien qed jiehu l-istqarrija kienx hemm diversi nies ohra fil-ufficcju tieghu, wiegeb illi mhijiex il-prattika tieghu li jkun hemm nies ohra. Ikun hemm PS 1086 li jkun xhud tal-istqarrija, u forsi xi pulizija iehor li jkun assenjat mieghu. Mistoqsi dwar jekk qabel ha l-istqarrija tar-rikorrent kellux diga provi bizzejjed sabiex iressqu l-Qorti, wiegeb illi hekk kien il-kaz, u li qabel ha l-istqarrija tar-rikorrent, kien qed jaghmel investigazzjonijiet ohra relatati mal-kaz. Mistoqsi allura ghaliex bejn il-mument li kellu l-provi sal-ghada ma hax azzjoni sabiex jew iressaq lir-rikorrent jew sabiex johorgu mil-lock up,  wiegeb illi wara li lesta l-investigazzjoni huwa jmur ghand l-Avukat Generali biex jipprezenta r-rapport tieghu, u l-Avukat Generali johrog l-ordni jekk ghandux jigi mressaq jew le ; wara jmur ghand l-Magistrat tal-Ghassa li jaghtih il-hin biex imur il-Qorti. Mistoqsi mill-Qorti, wiegeb illi nonostante l-provi l-ohra li kellu, ghazel li xorta wahda jkollu l-istqarrija tar-rikorrent f`idejh ghaliex ma riedx imexxi minghajr l-istqarrija. Qal illi ma jiftakarx li r-rikorrent talbu sabiex ikellem avukat.

## III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

### 1. <u>Ir-rikorrent</u>

Jikkontendi li ghal aktar minn 11-il sena minn mindu tressaq ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, huwa ghadu soggett ghal kondizzjonijiet biex inghata l-helsien mill-arrest, kif ukoll ghad ghandu hwejgu sekwestrati. Id-dewmien kemm sabiex inghalqet il-kumpilazzjoni, u kif ukoll sabiex isir il-guri, huwa dovut ghal decizjoni li ha l-Avukat Generali sabiex il-kaz tieghu jibqa` jistenna l-esitu tal-kaz l-iehor pendenti kontra dak li fil-bidu kien ko-akkuzat mieghu William Agius, li llum m`ghadux wara li l-Avukat Generali talab u kiseb li z-zewg kazi jinstemghu u jigu decizi separatament fit-13 ta` April 2014.

L-ilment tar-rikorrent huwa bbazat hekk :-

**<u>Fl-ewwel lok</u> :-**

L-ghazla ta` l-kaz ta` min mit-tnejn ghandu jinstema` u jigi deciz l-ewwel kienet decizjoni arbitrarja tal-Avukat Generali. Iddecieda fuq l-ebda kriterju legittimu jew gustifikat. Dan isir rilevanti fl-isfond tal-Art 639 tal-Kodici Kriminali li ma jitlobx korroborazzjoni tax-xiehda minn persuni ohra, u jhares biss d-drittijiet tal-akkuzat billi l-verzjoni ta` komplici tkun trid titqies b`kawtela.

**<u>Fit-tieni lok</u> :-**

Fin-nuqqas ta` kriterji fissi, id-decizjoni tal-Avukat Generali ttiehdet unilateralment minghajr gustifikazzjoni. Dan igib mieghu trattament differenti, nuqqas ta` certezza legali u nuqqas ta` aspettativi legittimi. Li jkompli jfisser li kien hemm lezjoni tal-principju tal-*equality of arms* kontra r-rikorrent.

**<u>Fit-tielet lok</u> :-**

Ghalkemm l-Avukat Generali uza d-diskrezzjoni tieghu biex jifred il-kaz ta` wiehed mill-kaz tal-iehor, ma mexxiex il-kawzi separatament, izda ghazel li l-kaz tar-rikorrenti jistenna l-ezitu tal-guri ta` William Agius.

**<u>Fir-raba lok</u> :-**

Bil-fatt illi sabiex ikun finalment processat ir-rikorrent kellu jistenna l-ezitu tal-guri kontra Agius ifisser illi l-procediment kontra tieghu twal bla bzonn. Fuq kollox ir-rikorrent jibqa` meqjus innocenti sakemm ma tkunx ippruvata l-htija tieghu skont il-ligi.

Wara li jaghmel riferenza ghall-Art 39 tal-Kostituzzjoni u ghall-Art 6 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent jirrimarka illi l-lanjanza tieghu tirrigwarda l-uzu ta` d-diskrezzjoni mill-Avukat Generali li jiddeciedi hu minghajr ebda tip ta` kontroll liema kaz ghandu jinstema` u jigi deciz l-ewwel. L-effett ta` d-decizjoni li ha l-Avukat Generali, kif din laqtet lilu gabet maghha dewmien esagerat u rragjonevoli li wassal ghal lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.

Issir referenza ghas-sentenzi fil-kawzi : "**<u>Farrugia vs l-Avukat Generali</u>**" (QK - 30 ta` Novembru 2006) ; "**<u>Saliba vs Avukat Generali et</u>**" (PAK - 24 ta` April 1998) ; "**<u>Bugeja vs l-Avukat General</u>**i" (QK - 11 ta` Awissu 2003) ; "**<u>Marinelli vs Avukat Generali et</u>**" (PAK - 3 ta` Lulju 2008).

Kien ritenut illi tlieta huma l-kriterji li jirregolaw il-fattur tad-dewmien :–

i) in-natura u/jew komplessita tal-kaz in kwistjoni ; fil-kaz tal-lum, il-mertu ma kienx kompless ;

ii) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza ; fil-kaz tal-lum ir-rikorrent ma kkontribwixxa xejn ghad-dewmien izda id-dewmien kien dovut kollu kemm hu ghall-kondotta tal-Avukat Generali ;

iii) il-mod kif dawk l-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita gudizzjarja.

Issir referenza ghas-sentenzi fil-kawzi : "**Manduca vs Onorevoli Prim Ministru**" (QK - 23 ta` Jannar 1995) ; "**Xuereb vs Registratur tal-Qrati et**" (QK - 8 ta` Novembru 2004) ; "**Ebcin vs Turkey**" (ECHR - 1 ta` Frar 2011)."

Ir-rikorrent jilmenta wkoll dwar l-arrest u dwar l-istqarrija rilaxxjata lill-pulizija.

Jaghmel l-argument illi huwa rrilaxxja stqarrija minghajr il-jedd li jikkonsulta ruhu ma` avukat, isostni li meta rrilaxxja dik l-istqarrija kellu 23 sena, u li dakinhar kien qed jiffaccja l-ewwel arrest tieghu. Isostni li garrab "*a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions*" (ECHR : "**Boz vs Turkey**" – 9 ta` Frar 2010 ; "**Dayanan vs Turkey**" – 13 ta` Ottobru 2009)

Dwar il-pretensjoni tal-intimat illi min mkien ma rrizulta li r-rikorrent kien imgieghel jirrilaxxa stqarrija, kif ukoll illi fi kwalunkwe kaz inghata twissija, issir riferenza ghad-decizjonijiet : "**Il-Pulizija vs Alvin Privitera" :** QK – 11 ta` April 2011 ; "**Panovits vs Cyprus**" : ECHR - 11 ta` Dicembru 2008 ; "**Salduz vs Turkey**" : ECHR - 27 ta` Novembru 2008 ; u "**Plonka vs Poland**" : ECHR - 31 ta` Marzu 2009.

Ighid ir-rikorrent illi fil-kaz tal-lum kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq propju ghaliex ma nghatax l-opportunita` li jirrikjedi l-assistenza ta` avukat. Abbazi tal-gurisprudenza tal-ECHR, id-dritt ghall-assistenza ta` avukat "*at pre-trial stage*" mhix ristretta biss ghal minuri (ara

s-sentenzi : "**<u>Murray vs The United Kingdom</u>**" : ECHR - 8 ta` Frar 1996 ; "**<u>Averill vs The United Kingdom</u>**" : ECHR - 6 ta` Gunju 2000).

Dwar il-kwistjoni tal-ewwel arrest, issir referenza ghad-decizjoni tal-PAK tal-24 ta` Frar 2010 fil-kawza "**<u>Il-Pulizija vs Erson Pullicino</u>**".

Dwar ir-rimedju, ir-rikorrent jirreferi ghad-decizjoni tal-QK tal-11 ta` Awissu 203 fil-kawza "**<u>Bugeja vs L-Avukat Generali</u>**" (op. cit.) deciza fil-11 ta` Awissu 2003.

## 2. <u>L-intimat</u>

L-Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx ghal digriet interlokutorju fejn il-Qorti Kriminali akkordat is-separazzjoni tal-gudizzju. Dan huwa hekk ghaliex b`dik is-separazzjoni ma tkun giet determinata l-ebda akkuza kriminali fil-konfront tar-rikorrent, u d-drittijiet processwali tieghu jibqghu ntatti u salvagwardati. Is-setgha tal-Avukat Generali li jitlob s-separazzjoni tal-gudizzju tohrog mil-ligi stess, u ghalhekk ma tistax tkun leziva ghad-drittijiet tar-rikorrent.

Ighid l-intimat illi skont l-Art 594 tal-Kap 9 : *"Il-qorti tista`, wkoll, fuq talba tal-Avukat Generali, tordna l-firda tal-kawzi, kemm il-darba zewg akkuzati jew izjed ikunu migjubin flimkien f`att ta` akkuza wiehed."*

Ghazla ta` dik ix-xorta m`ghandhiex tippregudika d-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq ghaliex waqt il-guri se jkollu kull opportunita li jiddefendi ruhu.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta` Frar 2014 fil-kawza "**<u>Bugeja vs Avukat Generali et</u>**".

Jinghad mill-intimat illi ladarba r-rikorrent u William Agius ghad iridu jghaddu mill-guri, il-principju tal-*equality of arms* bl-ebda mod ma jkun mittiefes.

Dwar l-ilment tar-rikorrent li l-kaz ta` Agius se jinstema qabel tieghu bil-ghan illi Agius ikun jista` jixhed fil-proceduri fil-konfront tieghu, l-intimat jissottometti li dan huwa argument hazin ghaliex Agius ghadu ma xehedx u allura r-rikorrent ma jistax jghid li dan il-fatt se jkun ta` zvantagg ghalih.

Dwar l-ilment tad-dewmien, l-intimat jishaq illi l-allegat dewmien qed ikun attribwit unikament mal-ghazla tieghu illi jifred l-kawza tar-rikorrent minn dik ta` Agius. Tant huwa hekk li r-rikorent ma ressaq l-ebda prova ohra li d-dewmien kien kkawzat ghal ragunijiet ohra. Ghalkemm huwa minnu li l-kawza tar-rikorrent qed jistenna l-ezitu tal-kawza ta` Agius, dan il-fattur wahdu ma jwassalx ghal lezjoni tad-dritt ta` smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. L-intimat isostni li fl-eventwalita li l-Qorti ssib li kien hemm dewmien, ir-rimedju ghandu jkun biss dak ta` danni morali. Issir referenza ghal "**Gasan Enterprises Limited vs Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" : QK - 3 ta` Frar 2009 ; u "**Said pro et noe vs Avukat Generali**" : QK - 11 ta` Novembru 2011.

Dwar l-ilment tar-rikorrent dwar stqarrija minghajr assistenza ta` avukat, l-intimat isostni li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ntempestiva fis-sens illi ladarba l-process kriminali ma kienx ghadu mitmum, ghadhom mhumiex maghrufa c-cirkostanzi li fihom ir-rikorrent sejjer ikun zvantaggjat.

Ighid l-intimat illi sabiex ikun hemm lezjoni ta` smiegh xieraq ghandu jigi ezaminat l-process gudizzjarju kollhu fil-kumpless tieghu. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent taht dan l-aspett ma jistax jigi ezaminat ghaliex il-process kriminali tieghu ghadu mhux konkluz. Issir referenza ghal : "**Il-Pulizija vs Dr. Melvyn Mifsud**" : QK - 26 ta` April 2013 ; "**Imbroscia vs Switzerland**" : ECHR : 24 ta` Novembru 1993 ; "**Ahmet Mete vs Turkey**" : ECHR - 25 ta` April 2006 ; "**Dimech vs Malta**" : ECHR - 2 ta` April 2015 ; u "**Fenech et vs Malta**" : ECHR - 5 ta` Jannar 2016. Il-konkluzjoni kienet illi dment li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, ma tistax titqies il-lanjanza dwar l-istqarrija.

Isostni li jekk in-nuqqas ta` konsultazzjoni ma` avukat fil-mument li ttiehdet l-istqarrija, ma jkun ebda pregudizzju serju lill-akkuzat allura dan ma jkollu ebda jedd li jinvoka ksur ta` smiegh xieraq. Issir riferenza ghal : "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Alfred Camilleri**" deciza fit-12 ta` Novembru 2012 ; "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Carmel Camilleri**" deciza fit-22 ta` Frar 2013 ; "**Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali**" deciza t-8 ta` Ottobru 2012 ; u "**Joseph Bugeja vs Avukat Generali**" deciza fl-14 ta`

Jannar 2013. Ghalhekk l-istqarrija ma tistax tigi izolata mill-bqija tal-proceduri kriminali. Ir-rikorrent jista` jinvoka b`success vjolazzjoni, jekk jirrizulta li l-istqarrija tkun kkompromettiet serjament id-difiza u l-qaghda tieghu matul il-proceduri. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent li l-mod kif ittiehdet l-istqarrija kienet abbuziva minhabba theddid u vulnerabilita`, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kienu kategorikament michuda mill-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Norbert Ciappara.

Ghar-rigward tar-rimedju, l-intimat jissottometti li jekk il-Qorti jidhrilha li kien hemm ksur ta` jedd fundamentali tar-rikorrent, ir-rimedju li talab u kostitwit mill-estinzjoni ta` l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu, m`ghandux mis-sewwa. Ir-rikorrent mhuwiex qed iservi piena wara htija, ghaliex ghad hemm favur tieghu l-presunzjoni tal-innocenza. Akkuza mhix kundanna, u akkuzat jibqa` jitqies innocenti sakemm ma jkunx hemm decizjoni ta` htija. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li juza dawn l-proceduri sabiex jahrab minn akkuzi li tressqu b`mod legittimu. L-intimatjirreferi ghall-awturi Jacobs and White li fil-ktieb "**The European Convention on Human Rights**" josservaw illi *".. a finding by the Court that an applicant`s trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be."* L-intimat jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-23 ta` Jannar 1995 fil-kawza "**Major Peter Manduca vs L-Onorevoli Prim Ministru**".

## IV. Sottomissjonijiet bil-fomm

**Ir-rikorrent** jishaq li llum wara tnax il-sena li tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja, il-proceduri tieghu ghadhom ma gewx appuntati sabiex jinstema l-guri u ghadu jbati l-konsegwenzi tal-liberta provizorja u l-ordni ta` iffrizar tal-assi.

Isostni li l-ilment tieghu jinsorgi mill-fatt illi l-Avukat Generali l-ewwel ha decizjoni li jressaq lir-rikorrent u William Agius flimkien bhala akkuzati. Imbaghad iddecieda li jissepara l-gudizzju u li r-raguni ghal dan kien sabiex wara li Agius jtemm l-proceduri tieghu jkun jista` jixhed kontra r-rikorrent. Ghalhekk jilmenta li kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq xi zmien ragjonevoli. Ir-rimedju li qieghed jitlob r-rikorrenti ghal dan l-ilment huwa illi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu jigu estinti.

Ikompli jinsisti li l-ilment tieghu mhuwiex biss dwar is-separazzjoni tal-gudizzju izda dwar l-ghazliet li ghamel l-Avukat Generali matul l-procediment kollu fil-konfront tieghu.

Dwar t-tieni ilment tieghu li jolqot l-istqarrija li giet rilaxxjata minghajr assistenza legali, jissottometti illi l-allegata intempestivita` tal-azzjoni tieghu, ladarba ma kenitx eccepita *per via di eccezione* ma tistax tigi eccepita permezz ta` nota ta` sottomissjonijiet.

Ir-rikorrent isostni li hemm gurisprudenza li tghid illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk tqisx lmenti anke meta procediment kriminali jkunu ghadhom pendenti. Jaghmel referenza ghad-decizjonijiet : "**Ir-Repubblika ta` Malta vs Carmel Camilleri**" - 22 ta` Frar 2013 : "**Il-Pulizija vs Alvin Privitera**" fejn inghad illi anke episodju wiehed jista` jkun determinanti ghall-ezitu tal-process, u li ghalhekk l-Qorti m`ghandhiex tistenna sakemm jintemm l-kaz.

Min-naha tieghu **l-intimat** jissottometti illi l-ilment tar-rikorrent mhuwiex dwar d-dewmien izda l-ilment principali tieghu huwa li qed jattakka s-setgha li ghandu l-Avukat Generali li jifred l-kawzi kriminali u t-tieni ilment huwa dwar l-istqarrija.

Dwar l-ewwel ilment, jghid li dan l-punt kien diga` deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Anthony Bugeja vs Avukat Generali"** deciz fit-3 ta` Frar 2014.

Ikompli li l-Art 594 tal-Kodici Kriminali jghid illi l-Qorti tista` fuq talba tal-Avukat Generali tordna li jkun hemm s-separazzjoni tal-gudizzju, kemm il-darba z-zewg akkuzati jew izjed ikunu migjuba flimkien f`att ta` akkuza wiehed. Ghalhekk ma kien hemm xejn arbitrarju fl-ghazla tal-Avukat Generali.

Dwar t-tieni ilment, l-intimat jinsisti fuq l-intempestivita` tal-azzjoni tal-lum.

## V. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti

**Ir-rikorrent qed jilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif tutelat mill-Kostituzzjoni (Art 39) u mill-Konvenzjoni (Art 6).**

**Ir-rikorrent isostni li saret lezjoni tad-dritt tieghu permezz ta` zewg fatti.**

**L-ewwel fatt lesiv lamentat jirrigwarda c-cirkostanza illi meta l-intimat ghazel li l-kaz ta` William Agius jinstema` u jigi deciz qabel tieghu, sehh ksur tal-jedd ghal smigh xieraq.**

**Skont ir-rikorrent, ghaliex ma hemm l-ebda kriterji ta` kif il-prosekuzzjoni ghandha timxi meta taghmel l-ghazla, id-decizjoni ssir arbitrarja. Ghalhekk ikun hemm vjolazzjoni tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni.**

**It-tieni fatt lesiv tjirrigwarda r-rilaxx ta` stqarrija da parti tieghu lill-pulizija fl-assenza ta` avukat.**

**1) L-ewwel fatt lamentat bhala lesiv mir-rikorrent**

**L-Art 594 tal-Kap 9** ighid :-

*"Il-qorti tista` wkoll, fuq talba tal-Avukat Generali, tordna l- firda tal-kawzi, kemm-il darba zewg akkuzati jew izjed ikunu migjubin flimkien f`att ta` akkuza wiehed."*

**L-Art 39(5) tal-Kostituzzjoni** jghid :-

*(5) Kull min jigi akkuzat b`reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati :*

*Izda ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorita ta` xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma` jew bi ksur ta` dan is- subartikolu safejn dik il-ligi timponi fuq xi persuna akkuzata kif intqal qabel il-piz tal-prova ta` fatti partikolari.*

*(6) Kull min ikun akkużat b`reat kriminali -*

*(a) ghandu jiġi nformat bil-miktub, b`ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat ;*

*(b) ghandu jiġi moghti żmien u faċilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiża tieghu ;*

*(c) ghandu jithalla jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` rappreżentant legali u min ma jkunx jista` jhallas ghal rappreżentanza legali hekk kif tkun mehtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tieghu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi ;*

*(d) ghandu jiġi moghti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tieghu x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta` xhieda suġġett ghall-hlas tal-ispejjeż raġonevoli taghhom, u jaghmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu ghalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni ; u*

*(e) ghandu jithalla li jkollu bla hlas l-ghajnuna ta` interpretu jekk ma jkunx jista` jifhem l-ilsien użat fil- proċeduri dwar l-akkuża,*

*u hlief bil-kunsens tieghu stess il-proċeduri ma jistghux jinżammu fl-assenza tieghu hlief jekk huwa jġib ruhu hekk li jaghmel it- tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tieghu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tieghu.*

**<u>L-Art 6 tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is- sentenza ghandha tinghata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistghu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom -interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f` soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieġ, jew safejn ikun rigorożament mehtieġ l-fehma tal- qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*2. Kull min ikun akkużat b`reat kriminali ghandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat hati skont il-liġi.*

*3. Kull min ikun akkużat b`reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin :*

*(a) li jkun infurmat minnu h, b`lingwa li jifhem u d-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu ;*

*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-di ża tiegħu ;*

*(c) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta` assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b`xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk ;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta` xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b`xejn ta` interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata l-qorti.*

Fis-sentenza li tat fit-3 ta` Frar 2014 fil-kawża "**Anthony Bugeja vs Avukat Generali**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet jekk :-

*Il-prinċipju ta` equality of arms ma jfissirx illi l- prosekuzzjoni u d-difiża jkunu f`pożizzjoni identika. Forsi jrid l-attur illi hu, bħall-prosekuzzjoni, jkun mistenni illi jagħmel prova tal-każ tiegħu lil hemm minn kull dubju raġonevoli, biex ikun hemm ugwaljanza? Iżda dan ma jkunx aktar assurd mill-pretensjoni tiegħu li jkollu voce in capitolo daqs tal-prosekuzzjoni fit-tfassil tal-akkużi. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti :*

*"il-prinċipju tal-"equality of arms", fil-qafas ta` proċediment kriminali "where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court`s opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment.*

*18. Il-fatt illi prosekuzzjoni u difiża ghandhom rwol differenti u, kompatibilment ma` hekk, ghandhom ukoll drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-equality of arms.*

Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-Ewwel Qorti kienet qalet –

*"Illi f`dan ir-rigward, il-Qorti tqis li huwa siewi hafna li tghid li "l-jedd li jaghtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b`reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuża, jew li, minhabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il- konsegwenzi ta` ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq jinghata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtieġa ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal- htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b`xi mod jew b`iehor, ma jweġibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haġa hażina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet";*

*"Illi hija l-liġi nnifisha li taghti s-setgha li ssir il-firda tal- kawżi fejn żewġ akkużati jew aktar jkunu nġabu flimkien f`Att ta` Akkuża wiehed. Din is-setgha l-Qorti Kriminali twettaqha fuq talba tal-Avukat Ġenerali. Fil-każ li din il- Qorti ghandha quddiemha dan hu dak li sar. Huwa minnu li r-rikors tal-intimat Avukat Ġenerali ma fihx xi motivazzjoni dettaljata biex tfisser ghaliex kien qed jitlob il- firda tal-proċedimenti; u huwa minnu wkoll li l-Qorti Kriminali laqghet it-talba li saritilha bla ma semghet il- fehma tar-rikorrent. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan ma jġibx il-konsegwenza awtomatika li nkiser il-jedd fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq. Huwa maghruf u ġeneralment miżmum li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jghoddx dwar degrieti interlokutorji u li dak l-artikolu jrid jitqies fil-qafas tal-proċediment shih li jkun. Il-Qorti tqis li, minkejja l-ordni li l-ġuri tieghu jinstama` ghalih wahdu u wara dak li jkun ghadda di Bartolo, dan ma taffa bl-ebda mod il-piż li jaqa` fuq il-Prosekuzzjoni biex tipprova kif imiss il-każ taghha. Ix-xenarji li jpinġi r-rikorrent bhala effett tad-degriet huma lkoll imharsin mir-regoli misjuba fil- liġi biex il-każ tar-rikorrent ma jitmexxiex bi ksur ta` xi garanzija fundamentali. Jista` jkun li, minhabba l-firda bejn proċediment u iehor, id-difiża tal-każ min-naha tar- rikorrent issir iżjed iebsa, iżda l-garanzija tal-*

*jedd ghal smigh xieraq, kif inghad qabel, bl-ebda mod ma tfisser li l- parti mixlija tinghata l-ghodda biex akkost ta` kollox tehles mix-xiljiet li jsiru kontra taghha jew li, sahansitra, tinghata l-jedd li taghzel hi dawn l-ghodda; "Illi l-principju tal-"equality of arms", fil-qafas ta` procediment kriminali "where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court`s opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment". Dawn jidher li huma l-garanziji mistennija biex jista` jinghad li tkun tharset ir-regola tat- trattament indaqs tal-partijiet. Mis-sottomissjonijiet kollha li saru u wkoll mix-xhieda mressqa mir-rikorrent innifsu, il- Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista` jghid li tnehhewlu l-imsemmija garanziji jew xi wahda minnhom bil-fatt wahdu li l-Qorti Kriminali laqghet it-talba tal-intimat li l-guri tieghu jimxi ghalih u mhux ukoll flimkien ma` dak kontra di Bartolo. Ghalhekk, fid-dawl ta` dawn il-konsiderazzjonijiet u b`zieda ma` dawk li saru aktar qabel, il-Qorti ma tarax lanqas li nkisret ir-regola li jinghata trattament indaqs bejnu u l-prosekuzzjoni li b`xi mod iggib maghha ksur tal- jedd fundamentali minnu invokat;"*

Dwar il-fatti tal-kaz tal-lum :

Tajjeb jinghad illi r-rikorrent u certu William Agius kienu tressqu flimkien fit-28 ta` Novembru 2004 b`diversi akkuzi relatati mad-droga inkluzi l-assocjazzjoni, bejgh, konsenja, traffikar, u pussess.

F`xi stadju tal-procediment, saret talba mill-ufficjal prosekutur sabiex ikun hemm separazzjoni tal-gudizzju bejn il-kawza ta` wiehed mill-kawza tal-iehor tal-akkuzati, talba li kienet milqugha mill-Qorti.

Fil-kaz tar-rikorrent, il-Qorti hadet posizzjoni fis-sens illi l-prosegwiment tal-kaz kontra r-rikorrent kellu jistenna l-esitu ta` dak istitwit kontra William Agius.

L-ewwel fatt lesiv lamentat mir-rikorrent huwa **specifiku hafna**, fis-sens li qed jilmenta li t-talba tal-prosekuzzjoni tas-separazzjoni tal-gudizzju jivvjola d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Il-fehma tar-rikorrent mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

Ic-cirkostanzi ta` l-kaz tal-lum huma simili hafna ghall-ilment li kien deciz fil-kaz ta` "**Anthony Bugeja vs Avukat Generali**".

Huwa risaput illi sabiex jinghad illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, wiehed ghandu jqis il-procediment fl-assjem tieghu, mhux jillimita ruhu ghal episodju wiehed li jkun gara waqt l-andament tal-proceduri, in partikolari f`kaz bhal ma huwa dak attwali fejn il-process kriminali ghadu pendenti.

Il-Qorti trid tevalwa s-sitwazzjoni kollha u mhux episodji distinti minn xulxin.

Id-diskrezzjoni li jista` jezercita l-Avukat Generali meta jiddeciedi jekk ghandux jitlob is-separazzjoni ta` kawza minn ohra ma tohloqx pregudizzju illegittimu fil-konfront tar-rikorrent.

Il-prosekuzzoni ghandha d-dmirijiet taghha.

Wiehed minn dawn huwa li tmexxi l-process b`mod li tasal biex tinkixef is-sewwa. Fost l-ghodod li ghandha hemm dak li taghzel jekk l-processi ghandhom jimxu flimkien jew le.

**Din hija setgha li tohrog u trid il-ligi stess.**

Jekk ma ssirx il-prova li dik s-setgha kienet adoperata b`mod irragjonevoli jew abbuziv, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija sprovvista mill-prova illi kien hemm, abbuz da parti ta` l-prosekuzzjoni tad-diskrezzjoni taghha..

**Ghalhekk fil-fehma ta` din il-Qorti l-fatt illi l-Avukat Generali wasal sabiex jissepara l-kawzi ta` wiehed mill-iehor minn dawk li kienu akkuzati flimkien mhuwiex leziv tad-dritt ta` smiegh xieraq tar-rikorrent.**

**2) <u>It-tieni fatt lamentat bhala lesiv mir-rikorrent</u>**

It-tieni lment tar-rikorrent huwa li rrilaxxa stqarrija minghajr ma kkonsulta avukat.

Isostni r-rikorrent illi meta rrilaxxja l-istqarrija kellu 22 sena u dik kienet l-ewwel darba li kien arrestat.

**<u>L-Art 6(3)(c) tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*"Kull min ikun akkuzat b`reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin :*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b`lingwa li jifhem u d-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;*

*(b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;*

*(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta` assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b`xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;*

*(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta` xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;*

*(e) li jkollu assistenza b`xejn ta` interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata l-qorti."*

Il-Qorti tirreferi għad-deċizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Mejju 2016 fil-kawża "**Stephen Nana Owusu vs l-Avukat Generali**".

In partikolari tirreferi għal li ġej :–

*"Għalkemm din il-qorti temmen u ttenni illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija fil-każ ta` Charles Stephen Muscat u sentenzi oħra mogħtija wara hija interpretazzjoni korretta tal-ħsieb tal-Qorti Ewropea fil-każ ta` Salduz billi tilqa` għal abbużi min-naħa tal-prosekuzzjoni u tħares id- drittijiet ta` persuna akkużata b`reat kriminali, jidher li, fejn il-proċess kriminali jkun intemm, din l-interpretazzjoni llum ma għadhiex aktar tenibbli fid-dawl tas-sentenza mogħtija dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea fil-każ ta` Borg v. Malta li fuqha qiegħed jistrieħ l-attur:*

*62. … … … the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons.*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.«*

*Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l- interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha temmen illi hija interpretazzjoni korretta, proporzjonata u ta` buon sens.*

*Madankollu, ukoll fil-każ ta` Borg il-Qorti Ewropea osservat illi jista` jkun hemm "compelling reasons" għala f`każ partikolari persuna tista` tiġi interrogata qabel ma tkun tħalliet tieħu l-parir ta` avukat. Fil-każ tallum l-attur kien daħħal droga f`Malta biex igħaddiha lil ħaddieħor kompliċi tiegħu. Il-pulizija kellha interess leġittimu – u anzi kellha dmir – li taqbad lil dan il-kompliċi wkoll u għalhekk kien hemm raġuni urġenti għala l-attur jiġi interrogat minnufih qabel ma l-kompliċi jsir jaf – jew jiġi mgħarraf – bl-arrest tal-attur. Fil-fatt l-interrogazzjoni ma serviet għal ebda skop ieħor għax ix-xieħda kontra l-attur kienet hekk konklużiva li ma kien hemm ebda ħtieġa għaliha.*

*Għalhekk id-deċiżjoni tal-pulizija li tinterroga lill-attur qabel ma jitħalla jikkomunika ma` ħaddieħor sabiex possibilment jinqabad il-kompliċi kienet waħda leġittima fiċ-ċirkostanzi u ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet imħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni."*

Fil-kaz ta` "**Borg vs Malta**" tat-12 ta` Jannar 2016 l-ECHR qalet : –

*"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant*

*statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

Fil-kaz ta` **Salduz vs Turkey** deciz fil-27 ta` Novembru 2008, il-Qorti Ewropea harget b`difiza tal-principji generali –

*"The Court reiterates that, even if the primary purpose of Article 6 of the Convention, as far as criminal proceedings are concerned, is to ensure a fair trial by a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings. Thus, Article 6 – especially paragraph 3 thereof – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions (see Imbrioscia, cited above, § 36). As the Court has already held in its previous judgments, the right set out in Article 6 § 3 (c) of the Convention is one element, among others, of the concept of a fair trial in criminal proceedings contained in Article 6 § 1 (see Imbrioscia, cited above, § 37, and Brennan, cited above, § 45).*

*51. The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a*

*fair trial (see Poitrimol v. France, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and Demebukov v. Bulgaria, no. 68020/01, § 50, 28 February 2008). Nevertheless, Article 6 § 3 (c) does not specify the manner of exercising this right. It thus leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial systems, the Court`s task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused (see Imbrioscia, cited above, § 38).*

*52. National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings. In such circumstances, Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. However, this right has so far been considered capable of being subject to restrictions for good cause. The question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified and, if so, whether, in the light of the entirety of the proceedings, it has not deprived the accused of a fair hearing, for even a justified restriction is capable of doing so in certain circumstances (see John Murray, cited above, § 63; Brennan, cited above, § 45; and Magee, cited above, § 44).*

*53. These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused.*

*54. In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission`s report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96). At the same time, an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings, the effect of which is amplified by the fact that legislation on criminal procedure tends to become increasingly complex, notably with respect to the rules governing the gathering and use of evidence. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated*

*for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself. This right indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused (see Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 100, ECHR 2006-IX, and Kolu v. Turkey, no. 35811/97, § 51, 2 August 2005). Early access to a lawyer is part of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination (see, mutatis mutandis, Jalloh, cited above, § 101). In this connection, the Court also notes the recommendations of the European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment (CPT) (see paragraphs 39-40 above), in which the CPT repeatedly stated that the right of a detainee to have access to legal advice is a fundamental safeguard against ill-treatment. Any exception to the enjoyment of this right should be clearly circumscribed and its application strictly limited in time. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above), Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandis, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*

Relattivament ghall-kaz tal-lum, jirrizulta illi r-rikorrent gie arrestat fis-26 ta` Novembru 2004 fis-6.30 ta` filghaxija u li l-istqarrija tieghu ttiehdet fis-27 ta` Novembru 2004 fil-14.24 ta` wara nofsinhar.

Inghata s-solita twissija.

Imbaghad wiegeb ghal numru ta` mistoqsijiet.

Meta rrilaxxja l-istqarrija, ir-rikorrent kellu 22 sena.

Dak kien l-ewwel arrest tieghu.

L-istqarrija saret fi zmien nofs siegha.

Jirrizulta li fl-istess gurnata l-pulizija in konnessjoni ma` dan il-kaz hadu zewg stqarriji ohra, wahda ta` certu Keith Camilleri fil-10.00 am, li damet siegha u nofs ; l-ohra ta` William Agius fil-12.30 pm damet siegha.

Bil-maqlub tal-kaz ta` Owusu citat aktar kmieni, ma hemm l-ebda raguni valida li tiggustifika l-fatt li r-rikorrent kien interrogat qabel ma thalla jiehu parir ta` avukat.

Minbarra l-fatt li fl-2004, dan d-dritt ma kienx ghadu fis-sehh fil-ligi taghna, ma kienx hemm bzonn li r-rikorrent jigi nterrogat malajr.

Jirrizulta li z-zewg persuni li jidher li kienu nvoluti fil-kaz kienu diga` nterrogati **qabel** ma kien interrogat ir-rikorrent.

Din il-Qort ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat li l-istqarrija ma tistax tigi izolata mill-bqija tal-proceduri, u li l-vjolazzjoni tista` tigi invokata biss jekk jirrizulta li l-istqarrija tikkomprometti serjament d-difiza tar-rikorrent.

Tghid dan ghaliex l-ECHR fil-kaz ta` **Borg** qalet illi :-

" *… the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)."*

**Il-fatt biss li d-dritt ghal assistenza legali ma kienx vigenti fiz-zmien in dezamina huwa bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni, u ma hemmx bzonn li dan jigi kkonsiderat fl-ambitu tal-proceduri kriminali fil-kompletezza taghhom.**

**Din il-Qorti hija konxja mill-fatt li qabel is-sentenza ta` *Borg* mill-ECHR, kien hemm is-sentenza ta` Dimech vs Malta, fejn l-ECHR kienet qalet li ghandu jitqies il-process fl-intier tieghu qabel ma jigi ddikjarat li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.**

**Izda s-sentenza ta` *Dimech* inghatat fit-2 ta` April 2015, filwaqt li dik ta` *Borg* inghatat f`Jannar tal-2016.**

**Huwa ghalhekk li din il-Qorti qeghda tadotta d-direzzjoni li ta l-ECHR. Bil-fatt biss li kien hemm sistema li fiha dan d-dritt ma kienx jinghata huwa bizzejjed sabiex issib li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq – anke jekk il-proceduri kriminali ghadhom fis-sehh.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda ssib li kien hemm ksur skont l-Art 6(3)(c) tal-Konvenzjoni.**

**3) Rimedju**

Bhala rimedju, ir-rikorrenti qed jitlob l-estinzjoni tal-process kriminali kontra tieghu.

Bil-kawza tal-lum, jirrizulta li l-Qorti sabet **biss** li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ta` smiegh xieraq tar-rikorrent limitatament ghall-fatt illi meta huwa ghamel l-istqarrija lill-pulizija ma kienx ghadu jezisti d-dritt ghal assistenza legali fl-ambitu tal-ligi taghna.

Illi l-process kriminali fir-rigward tar-rikorrent ghadu jrid jibda u ghalhekk din il-Qorti trid li dan ikompli u li dan ma jigix effettwat minn dawn il-proceduri kostituzzjonali.

Il-gustizzja ghandha tiehu l-kors taghha fil-kaz tar-rikorrent bis-salvagwardji kollha procedurali u kostituzzjonali tal-kaz.

**In vista tal-vjolazzjoni riskontrata fil-kaz tat-tieni lment, il-Qorti jidhrilha li r-rimedju ghandu jkun limitat biss ghal kumpens mhux pekunjarju li fil-fehma tal-Qorti ghandu jammonta ghal elf Ewro (€1,000).**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi :-**

**Qeghda tilqa` l-ewwel talba limitatament u safejn tirrigwarda l-fatt illi r-rikorrent irrilaxxja stqarrija lill-pulizija minghajr assistenza legali.**

**Qeghda tipprovdi dwar it-tieni talba billi ghall-vjolazzjoni riskontrata skont l-ewwel talba qeghda tillikwida favur ir-rikorrent kumpens fl-ammont ta` elf Ewro (€1,000).**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**